Nru./No. 20,924
Prezz/Price
€5.76

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 16 ta' Settembru, 2022
Friday, 16th September, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 13,113 - 13,118
Government Notices ..... *13,113 - 13,118*

Avviżi tal-Pulizija ..... 13,118 - 13,119
Police Notices ..... *13,118 - 13,119*

Avviż lill-Baħħara ..... 13,119 - 13,122
Notice to Mariners ..... *13,119 - 13,122*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 13,122 - 13,204
Employment Opportunities ..... *13,122 - 13,204*

Avviżi tal-Gvern ..... 13,204 - 13,223
Notices ..... *13,204 - 13,223*

Offerti ..... 13,223 - 13,227
Tenders ..... *13,223 - 13,227*

Avviżi tal-Qorti ..... 13,227 - 13,236
Court Notices ..... *13,227 - 13,236*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1208

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta reġa' daħal għall-qadi tad-drittijiet tal-Kariga tiegħu ta' President nhar il-Ħamis, 15 ta' Settembru, 2022.

Il-Prof. Frank Bezzina ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President.

Is-16 ta' Settembru, 2022

Nru. 1209

TRIBUNAL TAL-APPELLI GĦALL-PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta fuq rakkomandazzjoni tal-Prim Ministru ħatar lil Dott. Ryan Ellul bħala Membru tat-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali minflok Dott. Amanda Spiteri Grech.

Din il-ħatra tibqa' tgħodd sas-27 ta' Awwissu, 2023.

Is-16 ta' Settembru, 2022

Nru. 1210

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI (KAP. 318)

Kumitat dwar Għajnuna Soċjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 128 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal approva li l-Bord għall-Għajnuna Soċjali mwaqqaf taħt u skont l-Att hawn fuq imsemmi, ikun magħmul kif jidher hawn taħt:

Chairperson
Is-Sur Raymond Chetcuti

Membri
Is-Sa Antoinette Aquilina
L-Onor. Ivan Bartolo, M.P.
Is-Sur Marco Bonnici
Is-Sa Graziella Castillo
L-Onor. Jude Taddeo Debattista, M.P.
Is-Sur Carmel k/a Lino Debono

GOVERNMENT NOTICES

No. 1208

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta has resumed the functions of the Office of the President on Thursday, 15th September, 2022.

Prof. Frank Bezzina has ceased to perform the function of President.

16th September, 2022

No. 1209

INTERNATIONAL PROTECTION APPEALS TRIBUNAL

IT is notified for general information that the President of Malta on the advice of the Prime Minister has appointed Dr Ryan Ellul as Member of the International Protection Appeals Tribunal in lieu of Dr Amanda Spiteri Grech.

This nomination will remain valid until the 27th August, 2023.

16th September, 2022

No. 1210

SOCIAL SECURITY ACT (CAP. 318)

Social Assistance Board

IN exercise of the powers conferred by section 128 of the Social Security Act (Cap. 318), and for the purpose of that Act, the Minister for Social Policy and Children's Rights has approved that the Social Assistance Board established by and under the aforesaid Act, be composed as follows:

Chairperson
Mr Raymond Chetcuti

Members
Ms Antointette Aquilina
Hon. Ivan Bartolo, M.P.
Mr Marco Bonnici
Ms Graziella Castillo
Hon. Jude Taddeo Debattista, M.P.
Mr Carmel k/a Lino Debono

Is-Sur Emanuel Deguara
Is-Sa Olivia Farrugia
Is-Sa Mary Savona

Segretarju
Is-Sur Martin Buhagiar

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' sena b'seħħ mis-6 ta' Settembru, 2022.

Is-16 ta' Settembru, 2022

Mr Emanuel Deguara
Ms Olivia Farrugia
Ms Mary Savona

Secretary
Mr Martin Buhagiar

These appointments are for a period of one year with effect from 6th September, 2022.

16th September, 2022

Nru. 1211

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Ħatra ta' Avukati għall-Għajnuna Legali

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, a tenur tal-Artikolu 89 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Ministru tal-Ġustizzja ħatar lill-avukati li jidhru hawn taħt bħala Avukati għall-Għajnuna Legali f'materji ċivili u kriminali, għall-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru, 2022 u l-31 ta' Diċembru, 2023, iż-żewġ dati inklużi.

MALTA
L-Av. Mattia Felice, LLD
L-Av. Sue Mercieca, LLD

Illum, 12 ta' Settembru, 2022
LAM 41/2020

No. 1211

CODE OF ORGANIZATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

Appointment of Legal Aid Lawyers

IT IS NOTIFIED for general information that, in terms of Article 89 of Chapter 12 of the Laws of Malta, the Minister for Justice appointed the hereunder lawyers as Legal Aid Lawyers for civil and criminal matters, for the period between 1st October, 2022 and 31st December, 2023, both days included.

MALTA
Dr Mattia Felice, LLD
Dr Sue Mercieca, LLD

Today, 12th September, 2022

Nru. 1212

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Ħatra ta' Avukati għall-Għajnuna Legali

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, a tenur tal-Artikolu 89 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Ministru tal-Ġustizzja ħatar lil hawn taħt imsemmija bħala Kuraturi Uffiċjali għall-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru, 2022 u l-31 ta' Diċembru, 2023, iż-żewġ dati nklużi.

MALTA
L-Av. Mattia Felice, LLD
L-Av. Sue Mercieca, LLD

Illum 12 ta' Settembru, 2022
LAM 41/2020

No. 1212

CODE OF ORGANIZATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

Appointment of Official Curators

IT IS NOTIFIED for general information that, as per Article 89 of Chapter 12 of the Laws of Malta, the Minister for Justice appointed the following as Official Curators for the period between 1st October, 2022 and 31st December, 2023, both days included.

MALTA
Dr Mattia Felice, LLD
Dr Sue Mercieca, LLD

Today, 12th September, 2022

Nru. 1213

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Provvediment Amministrattiv

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, a tenur tal-Artikolu 4 (1)(i) tal-Avviż Legali 414 tal-2014 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Ministru tal-Ġustizzja awtorizza li l-Avukati tal-Għajnuna Legali Dott. Simon Micallef Stafrace u Dott. Charmaine Cherrett jitneħħew minn fuq il-lista tal-Avukati tal-Għajnuna Legali ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Diċembru, 2020 (Avviż Nru. 1501) u jitpoġġew fuq il-lista tal-Avukati għall-Għajnuna Legali f'materji ċivili u kriminali li jassistu fl-Aġenzija tal-Għajnuna Legali Malta b'seħħ mill-1 ta' Ottubru, 2022.

Illum, 12 ta' Settembru, 2022
LAM 41/2020

No. 1213

CODE OF ORGANIZATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

Administrative Measure

IT IS NOTIFIED for general information that, as per Article 4 (1)(i) of Legal Notice 414 of 2014 of the Laws of Malta, the Minister for Justice authorised that Legal Aid Lawyers Dr Simon Micallef Stafrace and Dr Charmaine Cherrett be withdrawn from the list of Lawyers for Legal Aid published in the Government Gazzette of the 24th December, 2020 (Notice No. 1501) and be placed on the list of Legal Aid Lawyers in civil and criminal matters assisting at the Legal Aid Malta Agency with effect from 1st October, 2022.

Today, 12th September, 2022

Nru. 1214

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

Avukati
Cassar, Dott. Frank

B'Awtorità
Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

Is-16 ta' Settembru, 2022
MJEG 21/2021/3

No. 1214

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Advocates
Cassar, Dr Frank

By Authority
Jonathan Attard
Minister for Justice

16th September, 2022

Nru. 1215

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili,

No. 1215

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and

il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dottor Tiziana Maria Refalo bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dottor Kristina Bonavia Gatt u dan għall-perjodu bejn is-7 ta' Settembru, 2022 u s-16 ta' Settembru, 2022.

Illum, it-13 ta' Settembru, 2022

DOTT. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Tiziana Maria Refalo to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Kristina Bonavia Gatt, for the period between the 7th September, 2022 and the 16th September, 2022.

Today, the 13th September, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1216

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dottor John Debono bħala Nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Loredana Micallef u dan għall-perjodu bejn is-16 ta' Settembru, 2022 u d-19 ta' Settembru, 2022, iż-żewġ dati inkluzi.

Illum, l-14 ta' Settembru, 2022

DOTT. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 1216

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr John Debono to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Loredana Micallef, for the period between the 16th September, 2022 and the 19th September, 2022, both days inclusive.

Today, the 14th September, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1217

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
16.9.2022	€54.818	€0.626

Is-16 ta' Settembru, 2022

No. 1217

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

16th September, 2022

Nru. 1218

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Avviż skont l-Artikolu 61(1)

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 61 (1) tal-Att dwar it-taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Kummissarju tat-Taxxi b'dan jgħarraf lill-persuni msemmija aktar 'l isfel biex imorru fid-Dipartiment tal- Capital Transfer Duty, 46, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, sabiex jiġbru l-avviżi magħmula fuqhom.

No. 1218

DUTY ON DOCUMENTS AND TRANSFERS ACT (CAP. 364)

Notice in terms of Article 61(1)

IN Terms of the proviso to article 61 (1) of the Duty on Documents and Transfers Act, the Commissioner for Revenue hereby notifies the persons listed hereunder to call at the Capital Transfer Duty Department, 46, Triq il-Merkanti, Valletta, to collect the notices made on such persons.

Isem *Name*	Karta tal-Identità *ID Number*	Numru tat-Talba *Claim Number*
Micallef Paula	34673M	IV 153489
Mifsud Joseph	373858M	IV 153141
Cuschieri William	70582M	IV 145208
Vella Charles et	84778M	IV 148073
Camilleri Sergio	4373M	IV 153140
Cassar Borg Olivier Bridget Anne	522382M	IV 151437
Azzopardi Godwin	234972M	IV 152381
Bonnici Joseph	46647M	IV 152312
Anastasi Mauro	144084M	IV 146259
Mangion Carmelo	110160M	IV 152819
Scicluna Mario	193485M	IV 148039
Scicluna Mario	193485M	IV 148037
Bonavia Gerolamo	52856M	IV 152955
Micallef Ruben	421974M	IV 151793
Camilleri Mario	16097G	IV 152716
Cauchi Stephanie	35785G	IV 152714
Alhassan Mohamad	33601A	IV 152555
Marrion Anthony John	503420L	IV 151792
Azzopardi Margaret	890712321	IV 151907
Rumyannikov Iurii	622268019	IV 151997
Excel Investments Limited	Roc. No. C81721	IV 151867
Excel Investments Limited	Roc. No. C81721	IV 151869
T. & K. Company Limited	Roc. No. C22678	IV 147857
JPM Brothers Limited	Roc. No. C31612	IV 149915
C & M Contractors Limited	Roc. No. C30803	IV 143308
JC Holdings Limited	Roc. No. C63138	IV 146748
Anthony Gauci obo Wied Bufula Developments Ltd	Roc. No. C26780	IV 152501

Nru. 1219

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR SERVIZZI GĦAS-SAĦĦA

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Is-Sur Walter Busuttil	Aġent Direttur Ġenerali Servizzi għas-Saħħa *Acting Director Healthcare Services*	Saħħa *Health*	16.9.2022-19.9.2022 22.9.2022-24.9.2022

Is-16 ta' Settembru, 2022

No. 1219

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR HEALTHCARE SERVICES

THE Permanent Secretary in the Ministry for Health has approved the following acting appointment:

16th September, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 161

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bormla

Nhar is-Sibt, 17 ta' Settembru, 2022, mill-4.30 p.m. sal-11.59 p.m., minn Xatt ir-Risq (mill-Bacino Restaurant sal-Klabb tar-Regatta Bormla).

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Il-Furjana

Nhar l-Erbgħa, 21 ta' Settembru, 2022, mis-6.00 a.m. sas-2.00 p.m., minn Triq il-Mall minn Triq Vincenzo Dimech sal-venda, Triq ir-Re Edwardu minn Triq l-Assedju l-Kbir sal-venda, Triq l-Assedju l-Kbir minn Triq Sant'Anna sal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Triq Sarria minn Pjazza San Publiju sa Triq l-Assedju l-Kbir, il-parkeġġ tal-Arena tal-Indipendenza, il-parkeġġ ta' Triq l-Assedju l-Kbir u l-parkeġġ iż-żgħir ta' ħdejn il-Fosos.

Il-Belt Valletta

Nhar l-Erbgħa, 21 ta' Settembru, 2022, mis-6.00 p.m. sal-10.00 p.m., mill-parkeġġ kollu tal-Bank Ċentrali u Pjazza Indipendenza.

POLICE NOTICE

No. 161

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Cospicua

On Saturday, 17th September, 2022, from 4.30 p.m. till 11.59 p.m., through Xatt ir-Risq (from Bacino Restaurant towards Bormla Regatta Club).

Public transport may also be affected.

Floriana

On Wednesday, 21st September, 2022, from 6.00 a.m. till 2.00 p.m., through Triq il-Mall from Triq Vincenzo Dimech till bus terminus, Triq ir-Re Edwardu from Triq l-Assedju l-Kbir till bus terminus, Triq l-Assedju l-Kbir from Triq Sant'Anna till the Ministry for Education, Triq Sarria from Pjazza San Publiju till Triq l-Assedju l-Kbir, parking area of Independence Arena, parking area of Triq l-Assedju l-Kbir u small parking area near the Granaries.

Valletta

On Wednesday, 21st September, 2022, from 6.00 p.m. till 10.00 p.m., through all parking area of Central Bank and Pjazza Indipendenza.

It-trasport pubbliku (Valletta Circular Bus) jista' jkun affettwat.

L-għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Settembru, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 160 tal-2022

Malta – Gozo – Malta Open Water Swimming Competition – 2022

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se ssir il-Malta – Gozo – Malta Open Water Swimming Competition nhar is-Sibt, 17 ta' Settembru, 2022.

Malta – Gozo – Malta

Grupp ta' parteċipanti se jitilqu mir-Ramla tal-Bir (Malta), punt A kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), f'bejn wieħed u ieħor is-6.30 a.m. Huma se jgħumu lejn il-Lvant ta' Kemmuna u mbagħad lejn il-Ġebla tal-Ħalfa (Għawdex), punt B kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) u lura lejn ir-Ramla tal-Bir (Malta) punt A kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Gozo – Malta

Grupp ieħor ta' parteċipanti se jitilqu mill-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien (Għawdex), punt C kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), f'bejn wieħed u ieħor it-8.15 a.m. Huma se jgħumu wkoll fil-Lvant ta' Kemmuna u jispiċċaw fir-Ramla tal-Bir (Malta), punt A kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

L-għawm għandu jitlesta sal-11.30 a.m.

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 59'.248	014° 20'.691
B	36° 01'.745	014° 19'.871
C	36° 01'.665	014° 19'.353

Bastimenti ta' appoġġ individwali se jakkumpanjaw lill-għawwiema parteċipanti. Barra minn hekk, se jkun hemm għadd ta' bastimenti stazzjonarji li jipprovdu appoġġ. Il-bastimenti ta' appoġġ se jkunu qed itajru bandiera bajda u blu. Se jkun hemm ukoll numru ta' għawwiema individwali li se jkunu mgħammra wkoll b'torpedo float aħmar.

Public transport (Valletta Circular Bus) may be affected.

Road closure will be done as required.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

16th September, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 160 of 2022

Malta – Gozo – Malta Open Water Swimming Competition – 2022

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a Malta – Gozo – Malta Open Water Swimming Competition will be held on Saturday, 17th September 2022.

Malta – Gozo – Malta

A group of participants will depart from Ir-Ramla tal-Bir (Malta), point A on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt), at approximately 6.30 a.m. They will swim to the east of Comino and then to Il-Ġebla tal-Ħalfa (Gozo), point B as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) and back to Ir-Ramla tal-Bir (Malta) point A as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Gozo - Malta

Another group of participants will depart from Il-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien (Gozo), point C on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt), at approximately 8.15 a.m. They will also swim to the east of Comino and finish at Ir-Ramla tal-Bir (Malta), point A on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The swims are to be completed by 11.30 a.m.

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 59'.248	014° 20'.691
B	36° 01'.745	014° 19'.871
C	36° 01'.665	014° 19'.353

Individual support vessels will accompany participating swimmers. In addition, there will be a number of stationary vessels providing support. Support vessels will be displaying a white and blue flag. There will also be a number of individual swimmers who will also be equipped with a red torpedo float.

Il-Fliegu ta' Kemmuna se jkun ristrett għan-navigazzjoni mis-6.00 a.m. sas-7.30 a.m.

Il-Fliegu ta' Għawdex se jkun ristrett għan-navigazzjoni mis-7.30 a.m. sad-9.15 a.m. u l-Fliegu ta' Kemmuna se jkun ristrett għan-navigazzjoni mid-9.15 a.m. sal-11.30 a.m.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jinnavigaw bil-mod u jżommu 'l bogħod miż-żona matul il-ħin stipulat u jagħtu lill-għawwiema u lill-bastimenti ta' appoġġ spazju wiesa'. Huma għandhom jobdu kull struzzjoni maħruġa mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq il-VHF Channel 12 u l-persunal ta' infurzar marittimu fiż-żona.

Charts affettwati: BA 211A, 2537 u 2538

Is-16 ta' Settembru, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 161 tal-2022

Ċattra rmiġġata f'Daħlet il-Fekruna – St. Paul's Bay

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf illi l-Mosta Scout Group se jagħmel Camp-A-Float f'Daħlet il-Fekruna – il-Bajja ta' San Pawl.

Il-Camp-A-Float se jikkonsisti f'ċattra magħmula bl-idejn kompluta b'tinda fuqha.

Jekk jippermetti t-temp iċ-ċattra se tkun irmiġġata f'Daħlet il-Fekruna – il-Bajja ta' San Pawl, kif indikat f'pożizzjoni 'A' fuq chart 1 li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), bejn il-Ġimgħa 23 ta' Settembru, 2022, fl-4.00 p.m., u l-Ħadd, 25 ta' Settembru 2022, fis-2.00 p.m.

F'każ ta' maltemp l-avveniment se jsir fir-Ramla tat-Torri, l-Armier, kif indikat f'pożizzjoni 'B' fuq chart 2 li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), fl-istess dati u l-ħinijiet.

Il-bastimenti kollha li jbaħħru fil-bajja huma mitluba biex joqogħdu attenti, ibaħħru b'kawtela u b'veloċità baxxa, u jżommu 'l bogħod miċ-ċattra.

Charts affettwati: BA 211A, 211B, 2537 u 2538

Is-16 ta' Settembru, 2022

Il-Fliegu ta' Kemmuna will be restricted to navigation from 6.00 a.m. till 7.30 a.m.

Il-Fliegu ta' Għawdex will be restricted to navigation from 7.30 a.m. till 9.15 a.m. and Il-Fliegu ta' Kemmuna will be restricted to navigation from 9.15 a.m. till 11.30 a.m.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate at slow speed and keep well clear of the area during the stipulated time giving the swimmers and support vessels a wide berth. They are to obey any instructions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12 and maritime enforcement assets in the area.

Charts affected: BA 211A, 2537 and 2538

16th September, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 161 of 2022

Raft Moored at Daħlet il-Fekruna – Il-Bajja ta' San Pawl

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that the Mosta Scout Group will be holding a Camp-A-Float at Daħlet il-Fekruna – St. Paul's Bay.

The Camp-A-Float consists of a man-made raft complete with a tent on board.

Weather permitting the raft will be moored at Dahlet il-Fekruna – Il Bajja ta' San Pawl, as indicated in position 'A', on the chart 1 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt), between Friday 23rd September, 2022, at 4.00 p.m., and Sunday 25th September, 2022, at 2.00 p.m.

In case of bad weather conditions, this event will take place at Ir-Ramla tat-Torri, Armier, as indicated in position 'B', on chart 2 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt), on the same dates and time.

All vessels navigating within the bay are requested to keep a sharp lookout, navigate with caution and at slow speed, and give the raft a wide berth.

Charts affected: BA 211A, 211B, 2537 and 2538

16th September, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 162 tal-2022

Tindif ta' qiegħ il-baħar f'Tigné Point

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara illi se jsir tnidif ta' qiegħ il-baħar minn għaddasa f'Tigné Point fil-Port ta' Marsamxett

It-tnidif se jsir fiż-żona A, B, C, D u l-linja tal-kosta intermedja, kif muri bl-aħmar fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), is-Sibt, 24 ta' Settembru, 2022, mid-9.00 a.m. sas-2.00 p.m.

L-ebda bastiment mhu se jitħalla jidħol fiż-żona indikata fid-data u ħin msemmija hawn fuq.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti ħafna u jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa meta jkunu fil-viċinanza taż-żona, fid-data stipulata.

Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi u josservaw kalunkwe struzzjonijiet maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16 min Valletta VTS u minn kull uffiċjali tal-infurzar fuq il-post.

Chart affetwata: BA 177

Is-16 ta' Settembru, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 162 of 2022

Seabed clean-up at Tigné Point

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a seabed clean-up operation by divers, will take place at Tigné Point in Marsamxett Harbour.

The clean-up will be held within the area A, B, C, D and the intermediate coastline, as shown in red on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt), on Saturday 24th September, 2022, from 9.00 a.m. till 2.00 p.m.

No vessel will be allowed to enter the indicated area on the above-mentioned date and time.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate with extreme caution and at slow speed when in the vicinity of the area, on the stipulated date.

They are to cooperate with the organisers and to comply with any instructions issued on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and by any enforcement officers on site.

Chart affected: BA 177

16th September, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 163 tal-2022

Stħarriġ minn għaddasa bl-użu ta' handheld video camera fil-Bajja ta' Marsaxlokk

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li se jsir stħarriġ minn għaddasa bl-użu ta' handheld video camera fil-Bajja ta' Marsaxlokk.

L-istħarriġ se jsir bejn it-Tlieta, 20 ta' Settembru, 2022, u s-Sibt, 24 ta' Settembru, 2022, fiż-żona ffurmata billi tgħaqqad il-linji immaġinarji bejn il-punti A, B, C, D u l-linja tal-kosta intermedja, kif muri bl-aħmar fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

L-istħarriġ attwali se jdum ġurnata u se jsir mid-9.00 a.m. sas-2.00 p.m.

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 49'.775	014° 32'.591
B	35° 49'.607	014° 32'.727
C	35° 49'.645	014° 32'.780
D	35° 49'.760	014° 32'.682

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 163 of 2022

Diving survey with handheld video camera at Il-Bajja ta' Marsaxlokk

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that a diving survey with handheld video camera at Il-Bajja ta' Marsaxlokk.

The diving survey will be held between Tuesday, 20th September, 2022 and Saturday, 24th September, 2022, within the area formed by joining the imaginary lines between the points A, B, C, D and the intermediate coastline, as shown in red on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The actual survey will last 1 day and will be held from 9.00 a.m. till 2.00 p.m.

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 49'.775	014° 32'.591
B	35° 49'.607	014° 32'.727
C	35° 49'.645	014° 32'.780
D	35° 49'.760	014° 32'.682

L-istħarriġ se jsir minn għaddasa li se jkunu akkumpanjati mill-bastiment ta' appoġġ 'S25214' li se jkun qed itajjar il-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'A' meta jkun qed isir l-għadis.

Għandha tinżamm żona ta' sikurezza ta' 100m madwar il-bastiment tal appoġġ 'S25214' matul l-istħarriġ.

Il-kaptana u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti ħafna, jipproċedu b'kawtela u b'veloċità baxxa meta jinnavigaw fiż-żoni indikati hawn fuq. Huma għandhom jimxu mal-istruzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 14 u/jew 16 minn Marsaxlokk VTS.

Chart affettwata: BA 36

Is-16 ta' Settembru, 2022

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Sejħa għall-Applikazzjonijiet f'Headship Positions

Il-Kumitat Konsultattiv għall-Ħatriet Anzjani (SAAC) jixtieq jidentifika individwi kompetenti biex ikunu rrakkomandati biex jimtlew Headship Positions fi Grad 3 (Skala ta' Salarju 3) fil-Ministeru għas-Saħħa kif elenkat hawn taħt:

Direttur Ġenerali (Konformità u Spezzjonijiet)

Kap (Operat-Servizzi tal-Kura tas-Saħħa Sekondarja)

Il-ħatra hija fuq bażi ta' Performance Agreement ta' erba' snin, u hija suġġett għal perjodu ta' prova ta' sena.

Eliġibbiltà

F'każ ta' uffiċjali pubbliċi, dawk eliġibbli għal din il-pożizzjoni jridu jkunu:

(a) uffiċjali pubbliċi anzjani li għandhom grad sostantiv fi Skala 7 jew ogħla; **jew** uffiċjali pubbliċi oħrajn li servew fis-Servizz Pubbliku f'pożizzjonijiet klassifikati fi Skala 7 jew ogħla għal erba' snin konsekuttivi; **u**

(b) kapaċi jikkomunikaw tajjeb bil-kliem u bil-kitba bl-ilsien Malti kif ukoll bl-Ingliż.

Uffiċjali li preżentament jokkupaw kariga ta' kap u li servew mill-inqas sena mit-terminu tal-Performance Agreement **attwali** jistgħu japplikaw għall-pożizzjoni msemmija f'dan l-avviż; dan kemm-il darba jkunu ssodisfaw il-ħtiġiet ta' eliġibbiltà pertinenti. Il-perjodu ta' sena għall-fini ta' ħtieġa tal-eliġibbiltà ma tgħoddx meta l-individwu qed japplika għal pożizzjoni ogħla.

The survey will be carried out by scuba divers who will be accompanied by the support vessel 'S25214' which will be displaying the International Code of Signals flag 'A' when diving operations are being carried out.

A safety zone of 100m round the support vessel 'S25214' is to be kept during the surveys.

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, proceed with caution and at slow speed when navigating in the above indicated areas. They are to comply with instructions given on VHF Channel 14 and/or 16 by Marsaxlokk VTS.

Chart affected: BA 36

16th September, 2022

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Filling of Headship Positions

The Senior Appointments Advisory Committee (SAAC) wishes to identify suitable individuals and competent professionals who could be recommended to fill a Headship Position in Grade 3 (Salary Scale 3) within the Ministry for Health as listed hereunder:

Director General (Compliance and Inspections)

Head (Operations-Secondary Healthcare Services)

The appointment shall be made on the basis of a Performance Agreement for a period of four years and is subject to a one-year probation period.

Eligibility

In the case of public officers, for applicants to be eligible in respect of this position they must be:

(a) senior public officers who have a substantive grade in scale 7 or higher; **or** other public officers who have served for four consecutive years in the Public Service in positions classified in scale 7 or higher; **and**

(b) proficient and able to communicate effectively both verbally and in writing in the Maltese and English languages.

Officers currently occupying a headship position and who have served at least one year of the term of their **current** performance agreement may apply for the position advertised, subject to having satisfied the pertinent eligibility requirements. The one-year term eligibility criterion does not apply when one is applying for a higher position.

F'każ ta' persuni li mhumiex uffiċjali pubbliċi, l-eliġibbiltà titqies kif ġej:

(a) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti jridu jkunu ċittadini Maltin;

(b) l-applikanti jridu jippreżentaw provi ta' esperjenza ta' mill-anqas erba' snin f'kariga tal-livell ta' senior management komparabbli ma' dik ta' pożizzjonijiet ikklassifikati fi skala 7 jew ogħla fis-Servizz Pubbliku;

(c) l-applikanti jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux qabel xahar mid-data li tkun ħarġet din is-sejħa għall-applikazzjonijiet u jgħidu jekk qatt kinux impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u jagħtu d-dettalji; **u**

(d) kapaċi jikkomunikaw tajjeb bil-kliem u bil-kitba bl-ilsien Malti kif ukoll bl-Ingliż.

Proċedura tal-Intervista tal-SAAC

Il-kandidati li huma eliġibbli jkunu mitluba jagħmlu psychometric test li jsir fl-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi (IPS). Sussegwentement, jattendu għal extended interview li jservi bħala parti mill-għażla preliminari u wara ssegwi intervista individwali.

Aktar tagħrif dwar l-għażla preliminari, il-proċess tal-intervista tal-SAAC u informazzjoni addizzjonali jinsabu fil-linji gwida 'The Nomination Process for Headship Positions – Notes for Prospective Applicants' aċċessibbli minn: (https://publicservice.gov.mt/en/people/Documents/Research-Personnel-Systems/Nomination%20Process%20-%20Headships%20%20ADs.pdf).

Kif Tibgħat l-Applikazzjoni

Applikanti prospettivi huma mistiedna japplikaw permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt), sas-**1.30 p.m. tal-Ġimgħa, 30 ta' Settembru, 2022**.

Kopja tal-linji gwida ta' kif timtela applikazzjoni tista' tinkiseb minn (https://recruitmentintra.gov.mt/manual/Recruitment%20Manual.pdf).

Dokumentazzjoni Meħtieġa mal-Applikazzjoni

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

(a) curriculum vitae dettaljat (Europass format) li għandha tinkludi l-iżvilupp professjonali kontinwu. Fil-każ ta' uffiċjali pubbliċi li attwalment qed jokkupaw pożizzjoni ta' Kap, għandhom jissottomettu wkoll il-performance assessments tagħhom tal-aħħar tliet snin;

In the case of non-public officers, the eligibility in respect of this position is as follows:

(a) by the closing time and date of this call for applications, applicants must be citizens of Malta;

(b) applicants must have a proven track record of four (4) years experience at senior management level comparable to that of positions classified in scale 7 or higher in the Public Service;

(c) applicants must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details; **and**

(d) applicants must be proficient and able to communicate effectively both verbally and in writing in the Maltese and English languages.

SAAC Interview Procedure

Eligible applicants who have not sat for a psychometric test in the past two (2) years will be required to sit for a psychometric test which will be held at the Institute for the Public Services (IPS). Subsequently they will be called for an extended interview which will serve as part of the preliminary shortlisting, followed by an individual interview.

Further details regarding the preliminary shortlisting, the SAAC interview process and additional information may be viewed in the guidelines 'The Nomination Process for Headship Positions – Notes for Prospective Applicants' through: (https://publicservice.gov.mt/en/people/Documents/Research-Personnel-Systems/Nomination%20Process%20-%20Headships%20%20ADs.pdf).

Submission of Applications

Prospective applicants are invited to apply through the Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt) by **1.30 p.m. of Friday, 30th September, 2022.**

Guidelines to assist in the submission of applications online may be viewed from (https://recruitmentintra.gov.mt/manual/Recruitment%20Manual.pdf).

Complete Application Checklist

Applications must include:

(a) a detailed curriculum vitae (Europass format) which will include the continuous professional development record and, in the case of current incumbents, will also include copies of performance assessments of the last three years;

(b) dikjarazzjoni ta' motivazzjoni ta' mhux iktar minn 300 kelma fejn l-applikanti jgħidu għaliex iqisu lilhom infushom kwalifikati għal din il-pożizzjoni maniġerjali għolja tal-ewwel għażla tagħhom;

(c) pjan ta' erba' snin fir-rigward tal-pożizzjoni indikata fl-applikazzjoni bħala l-ewwel preferenza, li għandha tiġi ppreżentata biss skont it-template aċċessata minn (https://publicservicecms.gov.mt/en/people/Documents/Research-Personnel-Systems/Four-Year%20Plan%20template.docx); **u**

(d) id-dokument tas-Service and Leave Record Form aġġornat u maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni (**fil-każ ta' impjegati tal-Amministrazzjoni Pubblika**).

Iċ-ċertifikazzjoni tal-IPS li tikkonferma t-tlestija b'suċċess tal-programm Entry to Senior Management Level Programme (Management Toolkit), jew l-istatus uffiċjali attwali tal-attendenza jinkisbu direttament mill-IPS minn-naħa tal-Amministrazzjoni. Se tingħata preferenza lil dawk l-uffiċjali li jkunu temmew b'suċċess il-Management Toolkit. Jekk uffiċjal li jkun għadu ma bediex il-Management Toolkit jintgħażel għal pożizzjoni ta' Headship Position, dan ikun meħtieġ jattendi u jlesti b'suċċess it-Toolkit fl-ewwel tnax-il (12) xahar tal-ħatra.

Min-naħa l-oħra, uffiċjali li sad-data ta' din l-applikazzjoni jkunu digà lestew b'suċċess il-Management Toolkit, mal-ħatra tagħhom f'pożizzjoni ta' Headship, ikunu obbligati jattendu u jgħaddu b'suċċess top-up course tal-istess Toolkit sa tnax-il xahar mid-data tal-ħatra tagħhom.

APPLIKAZZJONIJIET MHUX KOMPLUTI U/JEW LI JASLU TARD MHUX SE JIĠU KKUNSIDRATI. L-APPLIKANTI LI JITQIESU INELIĠIBBLI SKONT IT-TERMINI TA' DIN IS-SEJĦA SE JIĠU INFURMATI KIF XIERAQ.

Kandidati prospettivi huma mfakkra li <u>hija r-responsabbiltà tagħhom</u> li jaraw li l-applikazzjoni hija kompluta u d-dettalji kollha huma korretti, kif ukoll li d-dokumentazzjoni mitluba <u>tintbagħat sad-data tal-għeluq</u> ta' din is-sejħa.

Qabel ma persuna tiġi mitluba tattendi l-intervista, hija teħtieġ tagħmel dikjarazzjoni fejn tindika kwalunkwe kunflitt ta' interess li jista' jkollha (eż. interessi kummerċjali, xogħol privat, eċċ.). Min diġà għamel din id-dikjarazzjoni fil-passat, irid jikkonferma li ma hemmx tibdil. Fejn kien hemm xi tibdil, trid isir dikjarazzjoni oħra.

Kopja tal-position descriptions għall-pożizzjonijiet imsemmija hawn fuq kif ukoll għal dokumenti oħra tista' tinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil: (managementsupport.opm@gov.mt)

Is-16 ta' Settembru, 2022

(b) a motivational statement of not more than 300 words wherein applicants explain why they consider themselves to be qualified in respect of the position listed as their first preference;

(c) a four-year plan in respect of the position listed as first preference in accordance to the set template accessed at (https://publicservicecms.gov.mt/en/people/Documents/Research-Personnel-Systems/Four-Year%20Plan%20template.docx); **and**

(d) an updated Service and Leave Record Sheet issued not earlier than one (1) month from the date of application (**in the case of public officers**).

IPS certification confirming successful completion of the Entry to Senior Management Level Programme (Management Toolkit), or current official status of attendance will be obtained directly from IPS by the Administration. Preference will be given to those officers who have successfully completed the Management Toolkit. Should an officer who has not yet attended the Management Toolkit be nominated for a Headship Position, s/he would be required to attend and successfully complete the programme within the first twelve months of appointment.

Conversely, officers who by the time of this call for applications have sucessfully completed the Management Toolkit, on being nominated for a Headship Position, they will be required to attend to and successfully complete a top-up course to the Management Toolkit within the first twelve months of appointment.

INCOMPLETE AND/OR LATE APPLICATIONS WILL NOT BE CONSIDERED. APPLICANTS WHO ARE DEEMED INELIGIBLE IN TERMS OF THIS CALL WILL BE INFORMED ACCORDINGLY.

Applicants are reminded that it is <u>their</u> responsibility to ensure the completeness and correct details of their applications, as well as the submission of all required documentation <u>strictly within the deadline of this call.</u>

Prior to being called for the interview, prospective applicants would be required to fill a declaration indicating any possible or potential conflict of interest (e.g. business interests, private work, etc.). Applicants who have already submitted such a declaration in the past are to confirm in writing that there are no changes and need not resubmit it. In the cases where there has been a change, a new declaration would need to be submitted.

To obtain the position descriptions of the above-mentioned positions and/or any other documents referred to above can be obtained by email to (managementsupport.opm@gov.mt).

16th September, 2022

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Post ta' IAID Audit Associate fid-Dipartiment tal-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet, fl-Uffiċċju tal-Kabinett, fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur (Finanzi u Amministrazzjoni), Uffiċċju tal-Prim Ministru, tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' IAID Audit Associate fid-Dipartiment tal-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet, fl-Uffiċċju tal-Kabinett, fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax (12)-il xahar.

2.2 Is-salarju ta' IAID Audit Associate huwa ta' Skala ta' Salarju 9, li fis-sena 2022 huwa ta' €23,353 fis-sena, li jiżdied b' €447.33 fis-sena sa massimu ta' €26,037.

2.3 Persuna fil-grad ta' IAID Audit Associate titla' fi Skala ta' Salarju 8 (€24,845 x €486.83 - €27,766) wara tmien (8) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Minħabba n-natura tax-xogħol involut, il-persuna magħżula tista' tkun intitolata għal disturbance allowance sa 15% tas-salarju bażiku għal xogħol li jsir regolarment wara l-ħinijiet normali tal-uffiċċju, u/jew xogħol ta'natura straordinarja, li jsir wara l-ħin tax-xogħol, kif ikun meħtieġ mill-management u suġġett għall-approvazzjoni tad-Direttur Ġenerali (IAID). Din l-allowance tista' tiżdied sa 25% f'ċirkustanzi eċċezzjonali, u bl-approvazzjoni tas-Segretarju tal-Kabinett, Uffiċċju tal-Kabinett, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Id-Disturbance allowance mhijiex allowance awtomatika u tiġi mħallsa fuq bażi ta' xahar b' xahar suġġetta għall-approvazzjoni kif inidikata hawn fuq.

2.5 Persuna magħżula tkun intitolata għal:

i. performance bonus sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku, suġġett għal prestazzjoni sodisfaċenti;

ii. IAID allowance ta' €1,550 fis-sena; u

iii. allowance annwali sħiħa biex tintuża għall attivitajiet ta' żvilupp professjonali.

2.6 Persuna fil-grad ta' IAID Audit Associate tkun intitolata għal allowance annwali ekwivalenti għal increment ta' Skala ta' Salarju 8 suġġett għal prestazzjoni

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Post of IAID Audit Associate in the Internal Audit and Investigations Department, within the Cabinet Office, in the Office of the Prime Minister

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director (Finance and Administration), Office of the Prime Minister, invites applications for the post of IAID Audit Associate in the Internal Audit and Investigations Department, within the Cabinet Office, in the Office of the Prime Minister.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 The salary for the post of an IAID Audit Associate is Salary Scale 9, which in the year 2022 is equivalent to €23,353 per annum, rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €26,037.

2.3 An IAID Audit Associate will progress to Scale 8 (€24,845 x €486.83 - €27,766) on completion of eight (8) years of service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.4 In view of the special nature of the duties involved, a selected candidate may also be entitled to a disturbance allowance of up to 15% of the basic salary for work performed regularly after office hours, and/or duties of an extraordinary nature undertaken beyond office hours, as may be required by management and subject to the approval of Director General (IAID). The allowance may be increased up to 25% in exceptional circumstances, and on the approval of the Secretary to Cabinet, Cabinet Office, within the Office of the Prime Minister. The disturbance allowance is not an automatic allowance and is payable on a month by month basis subject to approval as indicated above.

2.5 A selected candidate will also be entitled to:

i. a performance bonus of up to a maximum of 10% of his/her basic salary subject to satisfactory performance;

ii. an annual IAID allowance of €1,550; and

iii. a full annual allowance to be utilized for professional development activities.

2.6 An IAID Audit Associate shall be entitled to an annual allowance equivalent to the increment of Salary Scale 8 subject to satisfactory performance and upon successful

sodisfaċenti u ma' tlestija b'suċċess ta' tliet (3) modules ta' Part III (Essential Section Aims) tal-ACCA jew ekwivalenti kif rikonoxxut mill-Malta Institute of Accountants. Din l-allowance ma tibqax titħallas ladarba l-impjegat jimxi 'l quddiem għal skala ekwivalenti jew ogħla.

2.7 Applikazzjonijiet laterali fl-istess grad minn uffiċjali pubbliċi mhumiex aċċettabbli.

2.8 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' IAID Audit Associate jinkludu li:

i. Jaqdi dmirijiet kif iggwidat mill-Att dwar l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet Finanzjarji (Kap. 461 tal-Liġijiet ta' Malta) fi ħdan id-Direttorati tal-IAID;

ii. Iwettaq assigurazzjonijiet indipendenti u oġġettivi u attivitajiet ta' konsulenza, maħsuba biex ikattru l-valur u jtejbu l-ħidma tal-entitajiet awditjati, filwaqt li jgħinu l-istess entitajiet awditjati jilħqu l-għanijiet tagħhom permezz tal-introduzzjoni ta' metodi sistematiċi u dixxiplinati, sabiex tiġi valutata u mtejba l-effikaċja tal-immaniġġjar tar-riskji, kontrolli u proċessi ta' governanza;

iii. Iwettaq dawk il-funzjonijiet ta' konformità u ta' assigurazzjoni fi ħdan ministeri, dipartimenti u entitajiet tal-Gvern li jiżguraw li jiġu osservati l-kontrolli finanzjarji u kontrolli oħra relatati, kif ukoll is-sistemi, il-policies u l-proċeduri meħtieġa għall-funzjonament kif imiss ta' dawk il-ministeri, dipartimenti u entitajiet tal-Gvern;

iv. Iwettaq dawk il-funzjonijiet ta' konformità u ta' assikurazzjoni fuq fondi pubbliċi li jinkludu fondi li l-Gvern hu meħtieġ li jimmaniġġja fl-ambitu ta' obbligazzjonijiet internazzjonali li għandha Malta;

v. Iwettaq monitoraġġ mill-viċin u b'mod regolari tal-mekkaniżmi tal-kontroll intern u l-immaniġġjar tar-riskji addottati fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika;

vi. Jagħmel monitoraġġ tal-aderanza mal-istandards tal-kontroll intern u l-gwidi dwar l-immaniġġjar tar-riskju fl-amministrazzjoni pubblika;

vii. Jassisti lill-uffiċjali anzjani tal-IAID fit-tħejjija ta' assessjar u/jew evalwazzjoni tal-kontrolli interni u mmaniġġjar tar-riskji fl-amministrazzjoni pubblika;

completion of three (3) modules of Part III (Essential Section Aims) of the ACCA or its equivalent as recognised by the Malta Institute of Accountants. This allowance shall cease to be paid once the employee progress to an equivalent or higher salary scale.

2.7 Lateral applications in the same grade from Public officers are not allowed.

2.8 Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

Duties

3. The job duties for the post of IAID Audit Associate include:

5.4 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f›liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant) jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom u jew mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.2, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

7.3 Ir-riżultat se jkun validu sat-30 ta' Ġunju, 2023, mid-data tal-pubblikazzjoni.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, ħlief għall-Ġerjatrija; u fil-każ tal-Ġerjatrija, applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttorat ta-Human Resources Corporate Services, Ministeru għall-Anzjanità Attiva, 46, Livell 5, Palazzo Spinola, Triq San Kristofru, Il-Belt Valletta VLT 1464, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data

5.4 Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.2, have proven relevant work experience.

7.3 The result will be valid up till 30th June, 2023, from the date of publication.

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, except for Geriatrics; and in the case of Geriatrics, applications are to be sumbitted for the attention of the Human Resources, Corporate Services Directorate , Ministry for Active Ageing, 46, Level 5, Palazzo Spinola, Triq San Kristofru Valletta VLT 1464 through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format,

tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Ottubru, 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

8.5 L-applikanti għandhom jindikaw b'mod ċar għal liema speċjalitajiet indikati f'paragrafu 1.2 qed japplikaw. Applikanti għandhom aktar minnhekk iniżżlu l-ispeċjalitajiet li għalihom qed japplikaw f'ordni ta' preferenza fil-Formola ta' Dikjarazzajoni li tista' tiġi aċċessata permezz tal-Online Government Recruitment Portal fuq (http://recruitment.gov.mt).

Aktar minn hekk, fil-każ ta' applikanti li jixtiequ japplikaw għal aktar minn speċjalità waħda, formola tal-applikazzjoni separata flimkien mad-dokumentazzjoni sussidjarja għandha tiġi sottomessa għal kull speċjalità li għaliha qed japplikaw.

8.6 Qed jiġi nnutat li fil-każ li l-Formola ta' Dikjarazzjoni ma tasalx għand id-Diviżjoni riċeventi sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, il-Ministeru jirriżerva d-dritt li jassenja l-persuna magħżula fi speċjalità skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati
żamma ta' dokumenti,

which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 3rd October, 2022. A computer- generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

8.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the later, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

8.5 Applicants must indicate clearly which of the specialties indicated in paragraph 1.2 they are applying for. Applicants must furthermore list the specialties being applied for in order of preference in the Declaration Form which may be accessed through the Online Government Recruitment Portal (http://recruitment.gov.mt).

Furthermore, in the case of applicants who wish to apply for more than one specialty, a separate application form, together with supporting doucmentation, must be submitted for each specialty applied for.

8.6 It is noted that in the event that a complete preference declaration form is not received by the receiving division by the closing time and date of this call for applications, the Ministry reserves the right to assign a successful applicant to a specialty in accordance with the exigencies of the Public Service.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;

reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, għall-ispeċjalitajiet kollha ħlief tal-Ġerjatrija; u mill-Human Resources Corporate Services Directorate, Ministeru għall-Anzjanità Attiva, 46, Livell 5, Palazzo Spinola, Triq San Kristofru, Il-Belt Valletta VLT 1464, għall-Ġerjatrija biss.

Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, in-numru tal-telefown u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment għas-Saħħa huma (https://deputyprimeminister.gov.mt), +356 22992609 u (recruitment.health@gov.mt); u għall-Ministeru tal-Anzjanità Attiva huma (mfaa.gov.mt) u (hr.mfaa@gov.mt).

Is-16 ta' Settembru, 2022

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Pożizzjoni ta' Edukatur fuq bażi part-time fi ħdan il-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli (Visual and Performing Arts) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni biex iservi f'Malta u/jew Għawdex

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, il-MEYR jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1.1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR), jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Edukatur fuq bażi part-time fi ħdan il-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli (Visual and Performing Arts) fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni biex iservi f'Malta u/jew Għawdex għal perijodu definit fuq bażi part-time, kif u meta jkun meħtieġ.

1.2. L-applikanti jistgħu japplikaw għall-pożizzjoni ta' Edukatur fuq bażi part-time f'wieħed jew aktar mis-suġġetti/oqsma li jidhru hawn taħt:

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, for all specialties except for Geriatrics; and from the Human Resources Coroporate Services Directorate, Ministry for Active Ageing, 46, Level 5, Palazzo Spinola, Triq San Kristofru, Valletta VLT 1464, for Geriatrics only.

These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address, telephone number and email address of the receiving Department for the Ministry for Health are (https://deputyprimeminister.gov.mt), +356 22992609 and (recruitment.health@gov.mt); and for the Ministry of Active Ageing (mfaa.gov.mt) and (hr.mfaa@gov.mt).

16th September, 2022

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Position of Part-time Educator for the Mikiel Anton Vassalli College (Visual and Performing Arts) in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation to Serve in Malta and/or Gozo

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEYR adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1.1. The Permanent Secretary, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR), invites applications for the position of part-time Educator for the Mikiel Anton Vassalli College (Visual and Performing Arts) Schools within the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation to serve in Malta and/or Gozo for a definite period on a part-time basis, as and when required.

1.2. Applicants may wish to apply for the position of part-time Educator in one or more of the following subject/s/area/s:

Arti
1. Arti (Ġenerali)

Drama

1. Acting and Drama
2. Teatru Mużikali

Studji Multidixxiplinari

1. Arti Multidixxiplinari

Mużika

1. Bassoon
2. Drums u Percussion
3. Pjanu
4. Trumpet
5. Vjolin
6. Violoncello

1.3. Il-persuna magħżula tista' tkun trasferita fi kwalunkwe skola tal-Visual and Performing Arts (VPA) li jiffurmaw parti mill-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta u s-suġġett/qasam li applika għalih.

L-iskejjel li jiffurmaw parti mill-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli f'Malta huma l-Skola tal-Arti fil-Belt Valletta, l-Iskola tad-Drama u Żfin fil-Blata l-Bajda, u l-Iskola tal-Mużika fil-Ħamrun; u f'Għawdex, il-Visual and Performing Arts fix-Xewkija.

Il-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli joffri numru ta' korsijiet f'ħinijiet differenti tal-ġurnata, mit-Tnejn sas-Sibt. Ġeneralment il-korsijiet huma offruti bejn 3.00 p.m. u 8.00 p.m. matul il-ġimgħa u mit-8.30 p.m. sa 12.30 p.m. nhar ta' Sibt. Ħinijiet oħra jistgħu japplikaw biex ikun assigurat li l-bżonnijiet tal-istudenti jintlaħqu.

1.4. Persuna magħżula tista' tintalab tagħmel kull taħriġ speċjali skont il-bżonn.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1. Il-kandidat magħżul jiġi ingaġġat bħala Edukatur fuq bażi part-time mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. Dan l-ingaġġ ikun fuq bażi definita għal sena (1) skolastika jew inqas, li jista' jiġġedded għal perjodi oħra.

2.2. Il-pożizzjoni ta' Edukatur fuq bażi part-time hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tliet (3) xhur.

2.3. Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika,

Art
1. Art (General)

Drama

1. Acting and Drama
2. Musical Theatre

Multi-Disciplinary Studies

1. Multi-Disciplinary Arts

Music

1. Bassoon
2. Drums & Percussion
3. Piano
4. Trumpet
5. Violin
6. Violoncello

1.3. A selected candidate may be deployed in any of the Visual and Performing Arts (VPA) schools that fall under the Mikiel Anton Vassalli College according to the exigencies of the Malta Public Service and the subject/area applied for.

The schools falling under Mikiel Anton Vassalli College in Malta are the School of Art in Valletta, the School of Drama and Dance in Blata l-Bajda, and the School of Music in Ħamrun; and in Gozo, the School of Visual and Performing Arts in Xewkija.

The Mikiel Anton Vassalli College offers several courses, at different times of the day from Mondays to Saturdays. Courses are usually held between 3.00 p.m. and 8.00 p.m. on weekdays, and from 8.30 p.m. till 12.30 p.m. on Saturdays. Other time schedules for learning courses may apply to ensure that all learner needs are met.

1.4. A selected candidate may be required to undergo any special training as deemed necessary.

Duration of Assignment and Conditions

2.1. A selected candidate will be engaged as a part-time Educator in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation. The engagement will be on a definite basis for one (1) scholastic year or less, which may be renewed for further periods.

2.2. The position of a part-time Educator is subject to a probationary period of three (3) months.

2.3. Since this is a position which is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an

għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva, il-pożizzjoni ta' Edukatur fuq bażi part-time, hija skont ir-Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

objective reason, the position of part-time Educator, which falls under Regulation 7(4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4. Edukatur fuq bażi part-time se jaħdem fuq bażi part-time għal numru ta' sigħat fil-ġimgħa (massimu ta' 25 siegħa fil-ġimgħa), liema numru ta' sigħat jiġi determinat qabel il-bidu tas-sena skolastika u jiddependi min-numru ta' applikanti li jkunu applikaw biex jattendu għall-korsijiet u/jew esiġenzi oħra li jistgħu jinqalgħu minn żmien għal żmien.

2.4. Part-time Educator shall work on a part-time basis for a number of hours per week (maximum of 25 hours weekly) which will be determined prior to the beginning of the scholastic year depending on the number of applicants who would have applied to attend learning courses and/or any arising exigencies which may arise from time to time.

2.5. Il-proviżjonijiet relatati dwar il-benefiċċji u entitlements skont kif imniżżla fil-Public Service Management Code bħal vacation leave u leave tal-mard, fil-każ ta' part-timers, huma fuq bażi prorata. Il-vacation leave jrid jittieħed matul il-btajjel tal-iskola.

2.5. The provisions relating to benefits and entitlements described in the Public Service Management Code such as vacation and sick leave are in the case of part-timers applicable on a pro-rata basis. Vacation leave is to be availed of during the school holidays.

2.6. Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li jinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu, jista' japplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa għandu bħalissa.

2.6. An officer holding a position of a definite nature (i.e. with objective reason), who is in the last (4) months of his/her definite term, may apply laterally, even if the advertised position carries the same specialisation that s/he currently holds.

2.7. L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'din il-pożizzjoni tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

2.7. Accepting appointment in this position signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

Salary Pegged to the Position

3. Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' Edukatur fuq bażi part-time jitħallas bir-rata ta' €20.00 fis-siegħa skont in-numru ta' lezzjonijiet/xogħol assenjat flimkien ma' bonuses prorata (ta' nofs is-sena u l-Milied) u d-dħul supplimentari. Ir-remunerazzjoni tinkludi l-preparazzjoni, il-ħin tal-kuntatt u kwalunkwe dmir ieħor relatat.

3. A part-time Educator shall be paid at the rate of €20.00 per hour according to the number of lessons/work assigned plus pro-rata bonuses (mid-year and Christmas) and income supplement. The remuneration is inclusive of preparation, contact time and any other related duties.

Dmirijiet

Duties

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Edukatur fuq bażi part-time fi ħdan il-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli jinkludu li:

4. The job duties for the position of a part-time Educator within the Mikiel Anton Vassalli College include:

i. Jgħallem u jeduka lill-istudenti skont il-linji gwida pprovduti mill-MFHEA u l-awtoritajiet kompetenti tal-edukazzjoni;

i. Teaches and educates learners according to guidelines provided by the MFHEA and the competent education authorities;

ii. Jgħallem u jeduka lill-istudenti skont learning outcomes, u abbiltajiet u potenzjal tal-istudenti individwali;

ii. Teaches and educates learners according to the course learning outcomes, abilities and potential of the individual learners;

iii. Jadotta u jaħdem għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' żvilupp tal-iskola;

iii. Adopts and works towards the implementation of the school development plan;

iv. Jippjana, jipprepara, jagħti u jevalwa l-lezzjonijiet;

v. Jaghti x-xogħol, jikkoreġi u jagħti l-marki lix-xogħol tal-istudenti;

vi. Jassessja, jirrekordja u jirrapporta dwar l-iżvilupp, il-progress, il-kisbiet u l-abbiltà tal-istudenti tiegħu, u jipprovdi feedback kemm bil-miktub kif ukoll bil-fomm;

vii. Jagħmel monitoraġġ tal-attendenza tal-istudenti li jieħu ħsieb;

viii. Jipprovdi gwida u pariri lill-istudenti dwar il-kisbiet edukattivi ulterjuri tagħhom u opportunitajiet entraprenditorjali;

ix. Jirrifletti fuq l-istrateġiji personali ta' tagħlim, metodoloġiji u programm/i marbuta mad-deskrizzjoni tal-korsijiet u l-linji gwida tal-MFHEA;

x. Jikkomunika, jikkonsulta, jikkopera mal-membri l-oħra tal-komunità tal-iskola u stakeholders rilevanti;

xi. Jassigura standards għoljin tal-prattiki professjonali u kwalità tat-tagħlim billi jipparteċipa f'attivitajiet reċiproċi ta' peer review u jimxi fuq il-gwida mogħtija waqt il-viżiti ta' sapport tal-klassi magħmula mit-tmexxija tal-iskola;

xii. Jipparteċipa f'opportunitajiet ta' taħriġ professjonali kontinwu (CPD), laqgħat ta' staff development u f' eżerċizzi ta' action research;

xiii. Isegwi mal-Politika tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-Iskejjel;

xiv. Jipparteċipa f'laqgħat kontinwi tal-istaff, gruppi jew oħrajn, u/jew opportunitajiet ta' taħriġ kemm lokalment kif ukoll barra mill-pajjiż, biex iżomm ruħu aġġornat dwar l-iżviluppi fl-edukazzjoni, partikolarment b'rabta maċ-ċiklu u/jew qasam rispettiv, inklużi iżda mhux limitati għal kurrikulu, pedagoġija, assessment, reġistrazzjoni u rappurtar ta' tagħlim, kontenut u żvilupp tal-istudenti differenti;

xv. Jorganizza/jikkordina/jipproduċi u/jew jagħmel marketing tal-wirjiet, esibizzjonijiet u avventmenti/attivitajiet/proġetti edukattivi oħra;

xvi. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xvii. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu minn (http://mikielantonvassallicollege.gov.mt) jew b'ittra elettronika lil (mavassalli.college@ilearn.edu.mt).

iv. Plans, prepares, delivers and evaluates lessons;

v. Assigns work, corrects and marks work carried out by the learners;

vi. Assesses, records and reports on the development, progress, attainment and aptitude of one's learners, and provides feedback both in written and verbal forms;

vii. Monitors the attendance of students under one's care;

viii. Provides guidance and advice to learners on their higher educational achievements and entrepreneurial opportunities;

ix. Reflects on one's own teaching and learning strategies, methodologies and programme/s in line with the course description and MFHEA guidelines;

x. Communicates, consults and co-operates with other members of the school community and the relevant stakeholders;

xi. Ensures high standards of professional practice and quality of teaching and learning as participates in reciprocal peer review and follows guidance given during class support visits carried out by the school leadership team;

xii. Participates in continuous professional development (CPD) opportunities, staff development meetings and takes part in action research exercises;

xiii. Adheres to the School Quality Assurance Policy;

xiv. Participates in in on-going staff, group or other meetings and/or training opportunities both locally and abroad, to keep abreast of developments in education, particularly in relation to the respective cycle and/or area, including but not limited to curriculum, pedagogy, assessment, recording and reporting of learning, content and diverse learner development;

xv. Organises/coordinates/produces and/or marketing of performances, exhibitions and other educational events/activities/projects;

xvi. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xvii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Further details may be obtained from (http://mikielantonvassallicollege.gov.mt) or by email to (mavassalli.college@ilearn.edu.mt).

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

Eligibility Requirements

5.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u/jew Ingliża;

iii. fil-pussess tagħhom kwalifika ta' Masters rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti *) fis-suġġett/qasam li għaliha saret l-applikazzjoni;

iv. fin-nuqqas ta' applikazzjonijiet minn applikanti eliġibbli skont il-paragrafu 5.1 (iii) hawn fuq u/jew fin-nuqqas ta' numru suffiċjenti ta' kandidati li jintgħażlu, l-eliġibbiltà għandha tiġi estiża għal applikanti li għandhom kwalifika rikonoxxuta ta' Bachelors fil-Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ewkwivalent**) fis-suġġett/qasam li għaliha saret l-applikazzjoni;

v. fin-nuqqas ta' applikazzjonijiet minn applikanti eliġibbli skont il-paragrafu 5.1 (iii) u (iv) hawn fuq u/jew fin-nuqqas ta' numru suffiċjenti ta' kandidati li jintgħażlu, l-eliġibbiltà għandha tiġi estiża għal applikanti li għandhom kwalifika rikonoxxuta ta' Bachelors fil-Livell MQF 5 (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ewkwivalenti**) fis-suġġett/qasam li għalih saret applikazzjoni, u għandhom tliet (3) snin esperjenza ta' tagħlim f'ambjent formali.

vi. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni jridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

*Kwalifika ta' Masters rikonuxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent ta' Masters mill-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

** Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma 60/180 ECTS/ECVET krettu (skont kif applikabbli), hekk kif applikabbli hija accetta biss suggett ghal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MFHEA li tigi sottomessa mal-applikazzjoni.

5.2. (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

ii. able to communicate in the Maltese and/or English languages;

iii. in possession of a recognised Masters' qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits, or equivalent *) in the subject/area applied for;

iv. in the absence of applications from eligible applicants according to paragraph 5.1 (iii) above and/or in the absence of a sufficient number of successful candidates, eligibility shall be extended to applicants in possession of a recognised Bachelors qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, o equivalent**) in the subject/area applied for;

v. in the absence of applications from eligible applicants according to paragraph 5.1 (iii) and (iv) above and/or in the absence of a sufficient number of successful candidates, eligibility shall be extended to applicants in possession of a recognised Bachelors qualification at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVE credits, or equivalent**) in the subject/area applied for, and have three (3) years of teaching experience in a formal setting.

vi. Public officers applying for this position must be confirmed in their current appointment.

*A recognised Masters qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET is only accepted subject to an MFHEA formal Masters recognition statement being submitted with the application.

** A recognised Qualification comparable to 60/180 ECTS/ECVET credits (as applicable), as applicable is only accepted subject to an MFHEA formal recognition statement being submitted with the application.

5.2. (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

5.3. L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet, mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.4. Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5. L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant) jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

5.6. L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MFHEA, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal tal-Edukazzjoni (https://edurecruitment.gov.mt). Degrees u Post-graduate jew kwalifiki komparabbli għandhom ikunu akkumpanjati minn traskrizzjoni bl-Ingliż, li turi b'mod ċar id-Degree miksub u l-klassifikazzjoni finali.

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni.

5.3. Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

5.4. Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.5. Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

5.6. Prospective applicants should note the requirement to produce MFHEA recognition statements in respect of their qualifications from MFHEA or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

6.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Education Recruitment Portal (https://edurecruitment.gov.mt). Degrees and Post-graduate certificates or comparable qualifications must be accompanied by a transcript in English, showing clearly the Degree obtained and the final classification.

6.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1. Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The

Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 400 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 200.

Bħala parti mill-intervista, l-applikant eliġibbli huwa mistennija li:

i. Juri għarfien professjonali, kompetenzi u attitudnijiet permezz ta' studju/i (każ/ijiet) li jkopru aspetti kurrikulari u l-wellbeing;

ii. Jieħu l-portafoll ta' tagħlim għall-intevista. Barra minn hekk:

a) applikanti eliġibbli għall-Arti huma mistennija li jagħtu preżentazzjoni (mass. 5 minuti) tal-portafoll diġitali tax-xogħol attwali tagħhom,

b) applikanti eliġibbli għal Acting and Drama, u Teatru Mużikali huma mistennija li jagħtu preżentazzjoni (mass. 5 minuti) tal-portafoll artistiku tagħhom inklużi ritratti ta' wirjiet differenti li kienu involuti fihom,

c) applikanti eliġibbli għall-Mużika: is-suġġetti tal-istrumenti solisti u tal-vuċi jkunu meħtieġa jagħtu prestazzjoni diretta, li jippreżentaw xogħlijiet kuntrastanti (tul totali 5-7 minuti). L-applikanti kollha huma mħeġġa juru l-abbiltà tagħhom fis-sekondarja tal-istrument awżiljarju. Huma jintalbu wkoll jaqraw silta qasira u jiddiskutu l-pedagoġija tat-tagħlim strumentali jew tal-vuċi waqt intervista. It-traspożizzjoni u l-improvizzazzjoni se jintalbu wkoll jekk rilevanti għall-istrument speċifiku,

d) applikanti eliġibbli għall-Arti Multidixxiplinari għandhom juru fehim profond tal-istorja, l-estetika u l-karatteristiki tal-opra, musicals, drammi, films, u produzzjoni multidixxiplinarja ta' forma ibrida. Huma mistennija li jagħtu preżentazzjoni (mass. 5 minuti) tal-portafoll artistiku tagħhom inklużi ritratti ta' xogħlijiet multidixxiplinarji differenti li kienu involuti fihom.

L-applikanti kollha eliġibbli għandhom iġibu l-istrument u t-tagħmir tagħhom stess meħtieġ għall-intervista. Fin-nuqqas ta' laptop/tablet, l-applikanti huma meħtieġa li jkollhom aċċess għall-preżentazzjoni permezz ta' memory stick.

7.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.3, għandhom Warrant Permanenti ta' Għalliem u esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

7.3. Kandidat magħżul li japplika skont it-termini ta' paragrafi 5.1(iii) ta' hawn fuq, jitqiegħed f'ordni tal-mertu msejħa Kategorija A. Dawk li jkunu qed japplikaw skont termini ta' paragrafi 5.1(iv) jitqiegħdu f'ordni tal-mertu msejħa Kategorija B, u dawk li jkunu qed japplikaw skont it-termini ta' paragrafi 5.1(v) jitqiegħdu f'ordni tal-mertu msejħa Kategorija Ċ.

maximum mark for this selection process is 400 and the pass mark is 200.

As part of the interview, eligible applicants are expected to:

i. show professional knowledge, competences and attitudes through case study/studies covering both curricular and wellbeing aspects;

ii. bring their teaching portfolio for the interview. In addition:

a) eligible applicants for Art are expected to give a presentation (max. 5 minutes) of their digital portfolio of current work,

b) eligible applicants for Acting and Drama, and Musical Theatre are expected to give a presentation (max. 5 minutes) of their artistic portfolio including photos of different performances they were involved in,

c) eligible applicants for Music: solo instrument and voice subjects will be required to give a live performance, presenting contrasting works (total duration 5-7 minutes). All applicants are encouraged to demonstrate their ability on secondary of auxiliary instrument. They will also be asked to sight-read a short excerpt and discuss the pedagogy of instrumental or voice teaching during an interview. Transposition and improvisation will also be requested if relevant for the specific instrument,

d) eligible applicants for Multi-disciplinary Arts must show a profound understanding of the history, aesthetics and characteristics of opera, musicals, plays, film, and multi-disciplinary production of a hybrid form. They are expected to give a presentation (max. 5 minutes) of their artistic portfolio including photos of different multi-disciplinary works they were involved in.

All eligible applicants are to bring their own instrument and equipment required for the interview. In the absence of a laptop/tablet, applicants are required to have access to the presentation through a memory stick.

7.2. Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.3, have a Teacher's Permanent Warrant and proven relevant work experience.

7.3. A successful candidate who applies in terms of paragraphs 5.1(iii) above, will be put on an order of merit list named Category A. Those applying in terms of paragraphs 5.1(iv) will be put on an order of merit list named Category B, and those applying in terms of paragraphs 5.1(v) will be put on an order of merit list named Category C.

7.4. Il-kandidati magħżulin, li japplikaw skont it-termini ta' paragrafi 5.1(iii) ta' hawn fuq, jingħataw preferenza fuq kandidati magħżulin li japplikaw skont it-termini ta' paragrafi 5.1 (iv) ta' hawn fuq u dawn tal-aħħar, fil-każ tagħhom, jingħataw preferenza fuq applikanti magħżulin li japplikaw skont termini ta' paragrafi 5.1(v) hawn fuq. B'hekk, l-applikanti li japplikaw taħt paragrafi 5.1(iv) u (v) jiġu kkunsidrati biss la darba l-ordni tal-mertu ta' Kategorija A li hemm referenza għaliha f'paragrafu 7.3, tkun ġiet eżawrita u jekk ikun fadal xi postijiet vakanti.

7.4. Successful candidates who apply in terms of paragraphs 5.1(iii) above, will be given preference over successful candidates who apply in terms of paragraphs 5.1(iv) above and these in turn be given preference over successful applicants who apply in terms of paragraphs 5.1(v) above. Hence, applicants applying under paragraphs 5.1(iv), and (v) will only be considered once the order of merit of Category A referred to in paragraph 7.3, has been exhausted and if vacancies still exist.

7.5. B'hekk, listi ta' riżultati separati jiġu ppubblikati skont l-ordni tal-mertu taċ-ċiklu/suġġett/qasam msemmi f'paragrafu 1.2 hawn fuq, u skont sezzjoni 5.1, u paragrafi 7.3 u 7.4. Il-lista tar-riżultati tibqa' valida għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni jew sakemm il-lista tar-riżultati tkun eżawrita, liema waħda minn dawn tkun l-ewwel.

7.5. Consequently, separate result lists will be published according to the order of merit pertaining to the subject/area mentioned in paragraph 1.2 above, and in accordance with section 5.1, and paragraphs 7.3 and 7.4. The result list will remain valid for two (2) years from date of publication or until the result list is exhausted, whichever is earlier.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, permezz tar-Recruitment Portal tal-Edukazzjoni **biss** (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal.

Submission of Applications

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u/jew bil-lingwa Ingliża;

iii. fil-pussess tagħhom kwalifika ta' Masters rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fis-suġġett/qasam li għaliha saret l-applikazzjoni;

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and/or English languages;

iii. in possession of a recognised Masters' qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in the subject/area applied for;

iv. fin-nuqqas ta' applikazzjonijiet minn applikanti eliġibbli skont il-paragrafu 5.1 (iii) hawn fuq u/jew fin-nuqqas ta' numru suffiċjenti ta' kandidati li jintgħażlu, l-eliġibbiltà għandha tiġi estiża għal applikanti li għandhom kwalifika rikonoxxuta ta' Bachelors fil-Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ewkwivalent**) fis-suġġett/qasam li għaliha saret l-applikazzjoni;

v. fin-nuqqas ta' applikazzjonijiet minn applikanti eliġibbli skont il-paragrafu 5.1 (iii) u (iv) hawn fuq u/jew fin-nuqqas ta' numru suffiċjenti ta' kandidati li jintgħażlu, l-eliġibbiltà għandha tiġi estiża għal applikanti li għandhom kwalifika rikonoxxuta ta' Bachelors fil-Livell 5 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ewkwivalenti**) fis-suġġett/qasam li għalih saret applikazzjoni, u għandhom tliet (3) snin esperjenza bħala akkompanjatur professjonali għal solisti, korijiet, gruppi taż-żfin jew bħala pjanista ma' organizzazzjoni mużikali rikonoxxuta.

vi. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni jridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

*Kwalifika ta' Masters rikonuxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss suġġett għa dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent ta' Masters mill-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

**Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 60/180 krettu ECTS/ECVET (skont kif applikabbli), hekk kif applikabbli hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

5.2. (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3. L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet, mingħand id-Direttur

iv. in the absence of applications from eligible applicants according to paragraph 5.1 (iii) above and/or in the absence of a sufficient number of successful candidates, eligibility shall be extended to applicants in possession of a recognised Bachelors qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent**) in the subject/area applied for;

v. in the absence of applications from eligible applicants according to paragraph 5.1 (iii) and (iv) above and/or in the absence of a sufficient number of successful candidates, eligibility shall be extended to applicants in possession of a recognised Bachelors qualification at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVE credits, or equivalent**) in the subject/area applied for, and have three (3) years experience as a professional accompanist for soloist, choruses, dance groups or as a pianist with a recognized musical organisation.

vi. Public officers applying for this position must be confirmed in their current appointment.

*A recognised Masters qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET is only accepted subject to an MFHEA formal Masters recognition statement being submitted with the application.

**A recognised Qualification comparable to 60/180 ECTS/ECVET credits (as applicable), as applicable is only accepted subject to an MFHEA formal recognition statement being submitted with the application.

5.2. (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

5.3. Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where

responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.4. Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5. L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant) jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

5.6. L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MFHEA, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal tal-Edukazzjoni (https://edurecruitment.gov.mt). Degrees u Post-graduate jew kwalifiki komparabbli għandhom ikunu akkumpanjati minn traskrizzjoni bl-Ingliż, li turi b'mod ċar id-Degree miksub u l-klassifikazzjoni finali.

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 400 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 200.

Bħala parti mill-intervista, l-applikanti eliġibbli huma mistennija li:

applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

5.4. Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.5. Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

5.6. Prospective applicants should note the requirement to produce MFHEA recognition statements in respect of their qualifications from MFHEA or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

6.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Education Recruitment Portal (https://edurecruitment.gov.mt). Degrees and Post-graduate certificates or comparable qualifications must be accompanied by a transcript in English, showing clearly the Degree obtained and the final classification.

6.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1. Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 400 and the pass mark is 200.

As part of the interview, eligible applicants are expected to:

i. Juru għarfien speċjalizzat fil-qari, l-interpretazzjoni u l-arranġament tal-mużika;

ii. Juru kompetenzi u attitudnijiet professjonali permezz ta' studju/studji ta' każi li jkopru kemm aspetti kurrikulari kif ukoll ta' benesseri;

iii. Jippreżentaw programm ta' xogħlijiet kuntrastanti, li juru għarfien u wisa' ta' stili u repertorju għal strumenti standard, vuċi u/jew żfin, kif mistenni minn mużiċist professjonali. Il-kandidati għandhom jippreparaw programm ta' bejn 5 sa 7 minuti, li kull għażla tiegħu tintalab li ssir live waqt l-intervista. Barra minn hekk, il-kandidati se jintalbu jagħmlu studju malajr ta' silta ta' akkumpanjament sostanzjali ta' bejn Livell 3 tal-MQF u Livell 5 tal-MQF standard ma' student avvanzat tal-mużika/żfin.

7.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.4, ikollhom esperjenza relatata maż-żfin, il-moviment, it-teatru u/jew l-arti viżiva.

7.3. Kandidat magħżul li japplika skont it-termini ta' paragrafi 5.1(iii) ta' hawn fuq, jitqiegħed f'ordni tal-mertu msejħa Kategorija A. Dawk li jkunu qed japplikaw skont termini ta' paragrafi 5.1(iv) jitqiegħdu f'ordni tal-mertu msejħa Kategorija B, u dawk li jkunu qed japplikaw skont it-termini ta' paragrafi 5.1(v) jitqiegħdu f'ordni tal-mertu msejħa Kategorija Ċ.

7.4. Il-kandidati magħżulin, li japplikaw skont it-termini ta' paragrafi 5.1(iii) ta' hawn fuq, jingħataw preferenza fuq kandidati magħżulin li japplikaw skont it-termini ta' paragrafi 5.1 (iv) ta' hawn fuq u dawn tal-aħħar, fil-każ tagħhom jingħataw preferenza fuq applikanti magħżulin li japplikaw skont termini ta' paragrafi 5.1(v) hawn fuq. B'hekk, l-applikanti li japplikaw taħt paragrafi 5.1(iv) u (v) jiġu kkunsidrati biss ladarba l-ordni tal-mertu ta' Kategorija A, li hemm referenza għaliha f'paragrafu 7.3, tkun ġiet eżawrita u jekk ikun fadal xi postijiet vakanti.

7.5. B'hekk, listi ta' riżultati separati jiġu ppubblikati skont l-ordni tal-mertu taċ-ċiklu/suġġett/qasam imsemmi f'paragrafu 1.2 hawn fuq, u skont sezzjoni 5.1, u paragrafi 7.3 u 7.4. Il-lista tar-riżultati tibqa' valida għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni jew sakemm il-lista tar-riżultati tkun eżawrita, liema waħda minn dawn tkun l-ewwel.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, permezz tar-Recruitment Portal tal-Edukazzjoni **biss** (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom

i. Show specialized knowledge in the reading, interpretation, and arrangement of music;

ii. Show professional competences and attitudes through case study/studies covering both curricular and well- being aspects;

iii. Present a programme of contrasting works, demonstrating a knowledge and breadth of styles and repertoire for standard instruments, voice and/or dance, as expected of a professional musician. Candidates should prepare a programme of between 5 to 7 minutes, any selection of which will be asked to be performed live during the interview. In addition, candidates will be asked to perform a quick study of a substantial accompaniment excerpt of between MQF Level 3 and MQF Level 5 standard with an advanced music/dance student.

7.2. Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.4, have experience related to dance, movement, theatre and/or visual art.

7.3 A successful candidate who applies in terms of paragraphs 5.1(iii) above, will be put on an order of merit list named Category A. Those applying in terms of paragraphs 5.1(iv) will be put on an order of merit list named Category B, and those applying in terms of paragraphs 5.1(v) will be put on an order of merit list named Category C.

7.4 Successful candidates who apply in terms of paragraphs 5.1(iii) above, will be given preference over successful candidates who apply in terms of paragraphs 5.1(iv) above and these in turn be given preference over successful applicants who apply in terms of paragraphs 5.1(v) above. Hence, applicants applying under paragraphs 5.1(iv), and (v) will only be considered once the order of merit of Category A referred to in paragraph 7.3, has been exhausted and if vacancies still exist.

7.5 Consequently, separate result lists will be published according to the order of merit pertaining to the subject/area mentioned in paragraph 1.2 above, and in accordance with section 5.1, and paragraphs 7.3 and 7.4. The result list will remain valid for two (2) years from date of publication or until the result list is exhausted, whichever is earlier.

Submission of Applications

8.1. Applications are to be submitted, for the attention of the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation through the Online Education Recruitment Portal **only** (https://edurecruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include

jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal.

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tlieta, 4 ta' Ottubru, 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4. L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;
sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf).

Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-16 ta' Settembru, 2022

a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal.

The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Tuesday, 4th October, 2022. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2. It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

8.3. Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4. Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the later, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf).

These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

16th September, 2022

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ

Pożizzjoni ta' Technical Attaché (Agrikoltura) fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Technical Attaché (Agrikoltura) fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assignment ta' tliet (3) snin bħala Technical Attaché fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea fi Brussell (il-Belġju).

2.2 Il-pożizzjoni ta' Technical Attaché hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.3 Peress li din hi pożizzjoni ta' Technical Attaché li hi waħda ta' fiduċja, din tikkostitwixxi raġuni oġġettiva li taqa' taħt Regolament 7(4) (b) (ii) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li jinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu, jista' japplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa għandu bħalissa.

2.5 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'din il-pożizzjoni tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

2.6 Nuqqas ta' sehem sodisfaċenti mogħti mit-Technical Attaché matul kull waqt tal-ingaġġ iwassal għat-terminazzjoni ta' dan il-ftehim.

2.7 Il-kandidat magħżul ikun marbut bit-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Ftehim ta' Technical Attaché.

2.8 a. L-ingaġġ bħala Technical Attaché huwa fuq bażi full-time u l-kandidat magħżul se jkun stazzjonat fi Brussell (il-Belġju).

b. Il-persuna magħżula hija mistennija li tkun imxiet lejn Brussell fi żmien xahar minn meta tkun infurmata li tkun għaddiet b'suċċess mill-proċess tal-applikazzjoni.

MINISTRY FOR FOREIGN AND EUROPEAN AFFAIRS AND TRADE

Position of Technical Attaché (Agriculture) in the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director for Corporatate Services, Ministry for Foreign and European Affairs and Trade invites applications for the position of Technical Attaché (Agriculture) in the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a three (3) year assignment as a Technical Attaché in the Permanent Representation of Malta to the EU in Brussels (Belgium).

2.2 The position of Technical Attaché is subject to a probationary period of one (1) year.

2.3 Since this is a position of trust, the position of Technical Attaché constitutes an objective reason which falls under Regulation 7(4) (b) (ii) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4 An officer holding a position of a definite nature (i.e. with objective reason), who is in the last (4) months of his/her definite term, may apply laterally, even if the advertised position carries the same specialisation that s/he currently holds.

2.5 Accepting appointment in this position signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

2.6 Unsatisfactory performance as Technical Attaché during any time of this assignment period will lead to termination of the Agreement.

2.7 The selected candidate will be bound by the terms and conditions stipulated in the Agreement of Technical Attaché.

2.8 a. The engagement as Technical Attaché is on a full-time basis and the selected candidate will be stationed in Brussels (Belgium).

b. The selected candidate must be able to move to Brussels within one (1) month of being informed that she/he has been successful in the application process.

2.9 Impjegati li jkunu jaħdmu mas-settur Pubbliku u jkunu magħżula għall-Pożizzjoni ta' Technical Attaché jridu jagħmlu l-arranġamenti tagħhom mal-entità li timpjegahom biex jiġu rilaxxati fil-perjodu li huma jkunu se jservu bħala Technical Attaché. Dan l-arranġament irid isir qabel jiġi ffirmat il-Ftehim ta' Technical Attaché.

2.9 Public Sector employees selected for the positon of Technical Attaché must make their own arrangements with their employing entity with regards to their release for the period during which they are to serve as Technical Attaché before signing their Agreement as Technical Attaché.

2.10 Fil-każ li l-persuna magħżula tkun ġejja minn entità fis-Settur Pubbliku u li tkun rilaxxata mill-entità konċernata biex tokkupa l-pożizzjoni ta' Technical Attaché, il-persuna magħżula terġa' tibda taħdem ma' dik l-entità fil-mument li hija ma tibqax tokkupa l-pożizzjoni ta' Technical Attaché.

2.10 In the case of a selected candidate emanating from a public sector entity and who is granted release by the entity in order to take up the position of Technical Attaché, the selected candidate will resume his/her employment with such entity once he/she no longer holds the position of Technical Attaché.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju ta' Malta u l-Allowances ta' Postaġġustament marbut mal-pożizzjoni ta' Technical Attaché huwa ekwivalenti għal increment inqas mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (ekwivalenti għal €29,093.83 fl-2022), li jilħaq il-massimu tal-iskala mal-konferma tal-ħatra jew tlestija ta' sena (1) servizz fil-pożizzjoni, liema waħda tiġi l-aħħar. Barra minn hekk, it-Technical Attaché se jirċievi l-benefiċċji u l-allowances kif spjegati fil-'Conditions of Service for Officers Serving Overseas'.

Salary Pegged to the Position

3.1 The Malta Salary and the Post-adjustment Allowances attached to the position of a Technical Attaché is equivalent to the maximum step of Salary Scale 7 less an increment (equivalent to €29,093.83 in 2022), with attainment of maximum of scale on confirmation of appointment after the probationary period of one (1) year or completion of one (1) year service, whichever is the later. In addition, the Technical Attaché will be granted the financial allowances and benefits provided for in the Conditions of Service for Officers Serving Overseas.

3.2 F'każijiet fejn il-persuna magħżula tkun diġà qed isservi fil-pożizzjoni ta' Technical Attaché b'salarju, benefiċċji u allowances li huma ogħla minn dawk stabbiliti f'paragrafu 3.1 hawn fuq, il-kumpens applikabbli f'dawn il-każijiet eċċezzjonali ta' ħatra mill-ġdid għandu jkun tal-ogħla skala ta' salarju, benefiċċji u allowances.

3.2 In cases where the selected candidate is already currently serving in the position of Technical Attaché at a salary scale, benefits and allowances that are higher than those established at section 3.1 above, the applicable compensation upon re-appointment in such exceptional cases shall be the higher applicable salary scale, benefits and allowances.

3.3 Għat-tul tal-Ftehim, it-Technical Attaché jkun marbut mal-'Conditions of Service for Officers Serving Overseas' (MFA 9/2015; CONDSER Ġunju 2015 V1.1) li jistgħu jiġu aġġornati minn żmien għal żmien.

3.3 For the duration of the Agreement, the Technical Attaché shall abide by the 'Conditions of Service for Officers Serving Overseas' (MFA 9/2015; CONDSER June 2015 V1.1) and which may be updated from time t time.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Technical Attaché jinkludu li:

Duties

4. The job duties for the position of Technical Attaché include:

It-Technical Attaché jkun l-espert tekniku dwar l-Agrikoltura u jkun jirrapporta direttament lir-Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea. It-Technical Attaché (Agrikoltura) ikun responsabbli li jipprovdi pariri lir-Rappreżentant Permanenti u lill-entitajiet oħra governattivi, kif ukoll li jikkordina kull ħidma u jsegwi kwalunkwe kwistjoni teknika fi ħdan ir-Rappreżentanza Permanenti kif ukoll li jżomm aġġornat lir-Rappreżentant Permanenti fi kwalunkwe kwistjoni rilevanti fil-qasam li tiegħu ikun responsabbli.

The Technical Attaché is the technical expert on Agriculture and reports directly to the Permanent Representative of Malta to the European Union. The Technical Attaché (Agriculture) is responsible for providing advice to the Permanent Representative and to other relevant entities within the Government, as well as coordinating any tasks and following any issues within the Permanent Representation as well as keeping the Permanent Representative abreast of any relevant issues in the area of responsibility.

Qasam Estern

i. (a) Jirrappreżenta lil Malta fil-laqgħat tal-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill u tal-Kumitati kif mitlub, fil-laqgħat tal-Gruppi ta' Ħidma tal-Kummissjoni u fil-Kumitati tal-Komitoloġija kif mitlub, kif ukoll f'fora oħra tal-UE kif meħtieġ; li jressaq il-pożizzjoni ta' Malta f'dawn il-laqgħat u li jipparteċipa f'diskussjonijiet hekk kif ikun iddettaljat fin-Noti ta' Istruzzjoni li jistgħu jiġu pprovduti mill-ministeru konċernat permezz tad-Dipartiment ta' Kordinazzjoni tal-UE,

(b) Jikteb u jibgħat ir-rapporti ta' dawn il-laqgħat immedjatament wara li jintemmu l-laqgħat u dan f'konformità mal-Lista ta' Distribuzzjoni approvata, kif ukoll li jiġbed l-attenzjoni, bit-telefown, dwar kwistjonijiet ta' importanza immedjata, lill-ministeru konċernat, lid-Dipartiment ta' Kordinazzjoni tal-UE u lill-Kabinett tar-Rappreżentant Permanenti,

(c) Isegwi/shadowing (skont il-każ) il-laqgħat ta' Gruppi ta' Ħidma u Kumitati tal-Kunsill kif dettaljat, kif ukoll laqgħat tal-Gruppi ta' Ħidma tal-Kummissjoni u tal-Kumitati tal-Komitoloġija li huma rilevanti għall-qasam ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni, u li għalihom jattendu uffiċjali minn Malta,

(d) Isegwi, u jirrapporta lura, dwar il-ħidma fid-diversi istituzzjonijiet tal-UE u jinvolvi ruħu b'mod attiv ma' rappreżentanti ta' Stati Membri oħra, is-Segretarjat tal-Kunsill, kif ukoll il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u istituzzjonijiet/aġenziji oħra, kif meħtieġ,

(e) Jikkordina s-segwitu ta' kull kwistjoni li tista' tinqala' fil-laqgħat hawn fuq imsemmija/rapporti/jew proposti kif meħtieġ, kemm mat-taqsimiet l-oħra tar-Rappreżentanza Permanenti kif ukoll mal-istrutturi konċernati tal-Gvern f'Malta;

ii. (a) Jipparteċipa fil-Kunsill u f'laqgħat oħra ministerjali relatati mal-UE, fil-laqgħat tal-COREPER kif ukoll f'kull laqgħa li ssir fil-marġini kif meħtieġ u dan għal dawk il-kwistjonijiet/suġġetti relatati mal-qasam ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni,

(b) Jiġbor u jibgħat rapporti f'waqthom ta' laqgħat li jkun attenda kif ukoll għal dawk is-suġġetti diskussi fil-laqgħat ta' COREPER relatati mal-qasam ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni immedjatament wara li tintemm id-diskussjoni fuq tali suġġett;

iii. Jorganizza laqgħat b'mod regolari ma' kontropartijiet minn, jew rappreżentanti oħra, l-Istati Membri l-oħra, mill-Kunsill, mill-Kummissjoni, mill-Parlament Ewropew u minn istituzzjonijiet oħra sabiex jissaħħu l-kuntatti ta' Malta u jiġu żviluppati kuntatti produttivi li jħallu l-frott, ma' Stati Membri oħra u mal-Istituzzjonijiet tal-UE;

External

i. (a) Representing Malta in Council Working Party and Committee meetings as detailed, Commission Working Group and Comitology Committee meetings as detailed as well as in other EU fora as required; putting forward Malta's position in such meetings and participating in discussions in accordance with the Instruction Notes that might be provided by the ministry concerned through the EU Coordination Department,

(b) Compiling and sending reports of such meetings immediately after the completion of the meeting in line with the approved Distribution List as well as alerting, by telephone, the ministry concerned, the EU Coordination Department and the Permanent Representative in the event of immediate issues,

(c) Shadowing/following (as the case may be) Council Working Party and Committee meetings as detailed, as well as Commission Working Group and Comitology Committee meetings that are relevant to this position's area of responsibility, which are attended by officers from Malta,

(d) Following up and reporting on the work related to the policy in the various EU institutions and engaging actively with representatives of other Member States, the Council Secretariat as well as the Commission, European Parliament and other institutions/agencies, as required,

(e) Coordinating the follow-up of any issues arising at the above-mentioned meetings/reports/proposals as required, both with the other units of the Permanent Representation as well as with the appropriate Government structures in Malta;

ii. (a) Participating in the Council and other EU-related ministerial meetings, COREPER meetings as well as any meetings held in the margins as required for those items related to this position's area of responsibility,

(b) Compiling and sending timely reports of meetings attended as well as for those items discussed in COREPER meetings related to this position's area of responsibility immediately after the completion of the meeting;

iii. Setting up and holding regular meetings with counterparts from, or representatives of, the other Member States, the Council, Commission, European Parliament and other institutions in order to strengthen Malta's contacts and develop fruitful and productive connections with other Member States and the EU Institutions;

iv. Kull kompitu ieħor assenjat mir-Rappreżentant Permanenti;

Qasam Intern

v. Isegwi, kuljum, dawk l-oqsma li jaqgħu taħt il-qasam ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni, partikolarment dawk li huma ta' tħassib partikolari għal Malta u jirrapporta dwar dawn;

vi. Isegwi u jżomm rekord tal-iskadenzi interni u barranin relatati mal-qasam ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni u jżomm kuntatt mat-Taqsimiet rilevanti fir-Rappreżentanza Permanenti kif ukoll mal-istrutturi tal-Gvern xierqa f'Malta, sabiex jiġi assigurat li dawn l-iskadenzi jintlaħqu b'mod f'waqtu u b'mod effiċjenti;

vii. Iżomm rekord tal-iżviluppi relatati mal-qasam ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni, jiġbor u jiskrutinja dokumentazzjoni rilevanti maħruġa mill-Istituzzjonijiet tal-UE u fora oħra tal-UE, kif ukoll rapporti tal-midja u jibgħat kwalunkwe dokumentazzjoni, informazzjoni u pariri meħtieġa lir-Rappreżentant Permanenti u uffiċjali oħra (fi Brussell jew ibbażati f'Malta) kif xieraq;

viii. Jipprovdi kontribuzzjoni, kif meħtieġ, lill-Antici/Mertens/Nicolaidis għall-kumpilazzjoni ta' kull eżerċizzju ta' ġbir ta' informazzjoni;

ix. Jipprovdi kontribuzzjoni, kif meħtieġ, lill-Antici/Mertens/Nicolaidis għall-kumpilazzjoni tad-dossiers u notamenti meħtieġa għal-laqgħat COREPER II, COREPER I u PSC;

x. Jipprovdi kontribut lill-ministeru konċernat għall-kumpilazzjoni tad-dossiers u notamenti meħtieġa għall-Kunsill u għal-laqgħat ministerjali oħra relatati mal-UE;

xi. Tħejjija ta' Briefing u Background Notes kif ukoll Instruction Notes u Speaking Notes relatati mal-qasam ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni kif u meta jkun meħtieġ;

xii. Jiġi assigurat illi l-proċeduri rilevanti jiġu segwiti skont il-linji gwida stabbiliti/manwali speċifiċi tas-Servizz Pubbliku Malti u tar-Rappreżentanza Permanenti;

xiii. Kull kompitu ieħor assenjat mir-Rappreżentant Permanenti.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. ċittadini ta' Malta;

iv. Any other task assigned by the Permanent Representative.

Internal

v. Following, on a daily basis, items falling under this position's area of responsibility, particularly those which are of particular concern to Malta and reporting on these;

vi. Following up and keeping track of internal and external deadlines related to this position's area of responsibility and liaising with the relevant Units within the Permanent Representation as well as with the appropriate Government structures in Malta, in order to ensure that these deadlines are met in a timely and efficient manner;

vii. Keeping track of developments related to this position's area of responsibility, collating and scrutinising relevant documentation issued by the EU institutions and other EU fora as well as media reports and forwarding any necessary documentation, information and advice to the Permanent Representative and other officers (Brussels or Malta-based) as appropriate;

viii. Providing input, as required, to Antici/Mertens/Nicolaidis for the compilation of any data collation exercise;

ix. Providing input to Antici/Mertens/Nicolaidis for the compilation of the necessary dossiers and briefs for COREPER II, COREPER I and PSC meetings;

x. Providing input to the ministry concerned for the compilation of the necessary dossiers and briefs for Council and other EU-related ministerial meetings;

xi. Drawing up Briefing and Background Notes as well as Instruction Notes and Speaking Notes related to this position's area of responsibility as and when required;

xii. Ensuring relevant procedures are followed as per standard/specific manual's guidelines of the Maltese Public Service and the Permanent Representation;

xiii. Any other task assigned by the Permanent Representative.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. citizens of Malta;

ii. ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża; għarfien fil-lingwa Franċiża jkun meqjus bħala vantaġġ;

iii. ikollhom kwalifika ta' Masters rikonoxxuta f'Livell 7 tal-MQF (suġġett għall-minimu ta' 90 ECTS/ECVET krett jew ekwivalenti)* f'qasam li jwassalhom biex jaqdu dmirijiethom b' mod effettiv fil-qasam li jkunu applikaw ghalih, flimkien ma' sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti;

JEW

fil-pussess ta' kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxut fil-Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 ECTS/ECVET jew ekwivalenti)* f' qasam li jwassalhom biex jaqdu dmirijiethom b'mod effettiv fil-qasam li jkunu applikaw għalih, flimkien ma' tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 60/180 krettu ECTS/ECVET, hekk kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

iv. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni jridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

5.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet, mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

ii. must be proficient in the Maltese and English languages; knowledge of French is considered an asset;

iii. in possession of a recognized Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits, or equivalent)* in areas that would enable them to effectively discharge their duties in the selected area plus one (1) year relevant work experience;

OR

in possession of a recognised Bachelors qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent)* in areas that would enable them to effectively discharge their duties in the selected area, plus three (3) years relevant work experience.

*A recognised qualification comparable to 60/180 ECTS/ECVET credits, as applicable is only accepted subject to an MFHEA formal recognition statement being submitted with the application.

iv. Public officers applying for this position must be confirmed in their current appointment.

5.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level then that required above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

5.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 – 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.5 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant) jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

5.5 Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

5.6 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MFHEA, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

5.6 Prospective applicants should note the requirement to produce MFHEA recognition statements in respect of their qualifications from MFHEA, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

